



Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10503/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0031(COD)**

CODEC 963
COVID-19 126
JAI 927
POLGEN 91
FRONT 262
FREMP 138
IPCR 77
VISA 110
MI 498

SAN 402
TRANS 425
COCON 44
COMIX 337
SCHENGEN 72
AVIATION 130
PHARM 116
RELEX 855
TOUR 47

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-3 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 21(2) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data taw opinjoni konġunta fl-14 ta' Marzu 2022.

¹ 5942/22.

3. Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) li tistqarr li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal revizzjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2022².
5. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jstieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE- CONS 27/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjoni mill-Ungerija għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
7. Il-Kunsill³ huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 27/22.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għal din il-pożizzjoni.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 10501/22.

³ Id-Danimarka u l-Irlanda mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.